**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 16 ta’ Frar, 2016**

**Talba Nru: 588/2015 DMA**

**HSBC Bank malta plc**

**Vs**

**Nicholas Galea**
**(ID. 359354M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta’ Lulju, 2015 fejn il-Bank attur tallab illi l-intimat kellu facilitajiet bankarji mas-socjeta’ attrici fosthom savings. Illi fit-tnax (12) ta’ April tal-2011, l-intimat iddepozita cekk allegatament mill-bank barrani Citibank Europe p.l.c ghall-ammont ta’ tlett elef u hames mitt ewro (€3,500). (statement of account hawn anness u mmarkat bhala 'DOK HSBC 1').

Illi sussegwentament c-cekk ghall-ammont ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) ma giex onorat stante illi rrizulta li kien hemm frodi, pero' l-intimat lahaq gibed flusu kollha mill-kont inkluz is-somma tac-cheque imsemmi.

Illi ghalhekk il-kont tal-intimat jinsab fi zbilanc ta' tlett elef u hames mija u sebgha u hamsin ewro u sittin centezmu (€3,557.60), liema somma tirrapprezenta l-ammont ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500), liema ammont kien avvanzat lill-intimat mis-socjeta' rikorrenti u l-ammont ta' sebgha u hamsin ewro u sittin centezmu in rapprezentanza ta' charges u interessi, liema ammont totali ta' tlett elef u hames mija u sebgha u hamsin ewro u sittin centezmu (€3,557.60), ghandu jithallas lura mis-socjeta' intimata u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala 'DOK HSBC 2'.

Illi ghal kull buon fini qed jinghad illi peress li l-ammont jeccedi l-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal, is-socjeta' attrici qed tillimita t-talba taghha ghall-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494.00).

Minkejja diversi interpellazzjonijeit inkluz permezz ta' ittra datata s-sitta (6) ta' Settembru, 2011, l-intimat baqa' inadempjanti u sahansitra qed jirrifjuta jhallas.

Ghaldaqstant, salv kwalunkwe dikjarazzjoni ulterjuri, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494.00);

2. Jordna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmi ammotn ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494.00).

Bl-ispejjez gudizzjarji u extar-gudizzjarji inkorsi mis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, bl-imghaxijiet legali mit-tnax (12) ta' April 2011, skond l-istatement of account sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13;

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fl-4 ta' Novembru, 2015 fejn eccepixxa illi fl-ewwel lok l-intimat jirrileva li dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddecidi l-mertu tal-istess kaz stante li l-intimat huwa residenti fil-Gzira ta' Ghawdex, u konsegwentament ghandu jigi applikat il-*privilegium fori,* u ghalhekk kwalunkwe procedura kellha tigi intavolata quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar (Ghawdex) u mhux quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Zghar (Malta). Illi ghal

kull buon fini qed jigi rilevat li l-indirizz poatali tal-intimat huwa 'Flat4, Block E, Manuel Magro Street, Marsalforn, Gozo';

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet mressqin mill-Bank rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Bank rikorrent stess sarraf ic-cekk in kwistjoni u gieghel lill-intimat jifhem li ma kien hemm ebda problema bl-istess cekk jew il-validita' tieghu u ghaldaqstant l-intimat m'ghandux ibati ghal xi forma ta' zball li seta' ghamel il-bank rikorrent.

Illi l-intimat m'ghamel xejn hazin jew illegali meta ezercita d-dritt legali tieghu li jigbed flusu kollha lura mill-kont, inkluz l-ammont tac-cekk imsarraf u dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li kien l-istess Bank rikorrenti li sarraf tali cekk u konsegwentement tali cekk gie *cleared* mill-istess Bank;

Illi ghar-ragunijiet premessi, l-intimat m'huwiex debitur tal-Bank rikorrent u dan l-Onorabbli Tribunal huwa umilment mitlub sabiex jichad it-talbiet kollha tal-istess Bank rikorrent bl-ispejjez kollha kontra l-istess Bank.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda taz-zewg partijiet.

It-Tribunal semgha lil Marica Fenech tixhed in kontroezami wara li pprezentat affidavit u semgha wkoll lil Nicholas Galea wkoll in kontroezami wara li pprezenta affidavit.

Il-bank attur qed isostni illi minkejja li ddepozita l-flus fil-kont ta' Nicholas Galea u ghamel il-flus available ma jfissirx illi c-cheque kien tajjeb u cleared. Il-Bank jistrieh fuq il-klawsola li hemm fir-ricevuta li kemm il-darba ic-cheque ma jkunx cleared allura l-Bank ikollu d-dritt li jitlob rifuzjoni ghal flus li hareg. Nicholas Galea min-naha tieghu issostni illi hu beda jigbed il-flus peress illi kienu available fil-kont tieghu. Tant kien qieghed jigbed ammonti zghar. L-ammont ma gibdux f'salt wiehed.

Fil-Fehma tat-Tribunal il-Bank fil-prassi li juza s-soltu meta persuna tiddepozita cekk li ma jkunx tal-Bank fejn iddepozita il-Bank ghandu l-prassi illi tali ammont

imsemmi jibqa' mhux depozitat fil-kont tal-persuna qabel jigi cleared mill-Bank li jkun hareg ic-cekk. Il-Bank ikun qed jiehu cekk u kemm il darba jigi mhallas tieghu allura jiddepozita l-flus. Kemm il darba il-Bank iddepozita l-flus fil-kont tal-kontenut allura ha fuqu r-responsabilita tac-cekk u ghalhekk ir-responsabilita ma baqghetx iktar fuq il-konvenut imma hadha fuqu l-bank. Dan minkejja il-klwasola li tinsab fir-ricevuta tghid illi  jista jitlob ir-refuszjoni.

F'dan il-kaz il-Bank iddecida li jiehu riskju meta ddepozita l-flus u ghalhekk t-Tribunal ma jhossx illi ta' dan l-izball ghandu jhallas tieghu l-konvenut.

Il-prazso bankarja illi hija wahda differenti fejn il-bank jistenna li c-cekk ikun cleared u d-depozitu jsir wara.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenient skond sub 4 tal-Artikolu 3 tal-Kap 303, tghid li ghandu jkun fejn il-konevnut ghandu r-residenza tieghu. F'dan il-kaz hemm biss diskazzjoni u mhux obbligu u ghalhekk it-Tribunal qed jichad din l-eccezzjoni.

Fid-dawl ta' dan it-Tribuanl jaqta u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba attrici. It-Tribunal jichad ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut pero' jilqa' it-tieni eccezzjoni tieghu.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-Bank attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**